22 JUL 2022

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 564**

**Il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-siegħa ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**564.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

564.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s- Sur Mark Grech ikun skużat.

564.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella ikun skużat.

**564.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

564.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 562.3.9 u minflok il-kliem 'Is-Sur Buttigieg qal illi minn mindu rranġaw il-bankina, l-ilma tax-xita qed jidħollu fil-bitħa tad-dar tiegħu. ' jidħol il-kliem 'Is-Sur Buttigieg qal illi minn mindu rranġaw il-bankina, saddewlu l-katusi tal-ilma tax-xita u l-ilma tal-bitħa mhux joħroġ fit-triq'.

564.2.2 Il-minuti tal-562 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

564.2.3 Il-minuti tal-563 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**564.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

564.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità li saret fil-31 ta' Mejju, 2022.

564.3.2 Is-Sindku talab li jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

564.3.3 Fis-1.17 ta' wara nofsinhar is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

564.3.4 Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti min kien disponibbli matul il-ġimgħa li ġejja sabiex ikun parti mill-Bord ta' Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13) ikun kompost mis-Sindku, mis-Sinjura Anna Calleja, mis-Sur Joseph Agius u mis-Segretarju Eżekuttiv.

564.3.5 Dwar il-proġett tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure,* is-Sindku nforma lill-membri preżenti li x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-erba' ċnut tas-*soft areas*

fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi kien tlesta. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill sabiex jinxtraw d-*dog bins*, *dustbins* u biex jitneħħew numru ta' siġar. Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li s-siġar li kienu ser jitneħħew kienu kollha siġar invażivi u li kienu ser jitneħħew bil-permess tal-ERA. Is-Sindku qal illi l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' *dog bin* kienet għall-prezz ta' €159.30 VAT inkluż, l-orħos kwotazzjoni sabiex jiġu pprovduti d-*dustbins* kienet għall-prezz ta' €268.45 VAT inkluż, u l-orħos kwotazzjoni sabiex isir xogħol ta' tindif u tneħħija ta' siġar kienet għall-prezz ta' €4,400 VAT inkluż. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk din il-kwotazzjoni kinitx tinkludi t-tħawwil ta' pjanti u fjuri. Is-Segretarju wieġbet fin-negattiv. Il-Viċi Sindku qalet li fl-applikazzjoni ta' din il-miżura, is-somma allokata sabiex isir it-tindif, il-qlugħ ta' siġar u tħawwil ta' pjanti kien jammonta għal ~~€4,400~~ €5,900. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jissottometti *change request* minħabba li n-nefqa ta' dan il-*line item* kienet ser tinqabeż. Il-Viċi Sindku qalet li n-nefqa tax-xiri tal-pjanti u l-fjuri għandha ssir mill-vot allokat għal xiri ta' bankijiet. Dan peress illi waqt laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż li ma jinkludix il-bankijiet f'dan il-proġett. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri d-*dog bins* mingħand l-orħos offerent għall-prezz ta' €159.30 VAT inkluż. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri d-*dustbins* mingħand l-orħos offerent għall-prezz ta' €268.45 VAT inkluż. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jnaddaf u jaqla' is-siġar mingħand l-orħos offerent għall-prezz ta' €4,400 VAT inkluż. Emendati.

564.3.6 Is-Sindku qal illi l-mixgħela ta' ħamis ix-xirka ma kinitx saret minħabba li dakinhar kien ir-riħ. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex bil-kollaborazzjoni mal-Knisja ssir infjurata u mixgħela fl-okkażjoni ta' *Corpus*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jorganizza din l-infjurata bil-kollaborazzjoni mal-Knisja u li l-ispiża ta' din l-attività m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €200 inkluż il-VAT.

564.3.7 Is-Sindku qal illi l-attività li ġiet organizzata flimkien maz-*Zabbar St Patrick's* kienet ta' suċċess. Is-Sindku qal illi s-Sur Angelo Scicluna kien involut fl-organizzazzjoni ta' din l-attività. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Annual Presentation Night* flimkien mas-*St Patrick Youth Football Nursery* u li jingħataw *mementos* tal-okkażjoni, liema spiża m'għandhiex tkun ta' aktar minn €900.

564.3.8 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-*Junior Science Club* sabiex matul is-sena skolastika li jmiss il-Kunsill jerġa' jorganizza l-lezzjonijiet tax-xjenza. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-lezzjonijiet tax-xjenza bil-kollaborazzjoni tal-*Junior Science Club.*

564.3.9 Is-Sindku rrefera għall-komunikat li kellu mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni u qal li l-Kunsill ġie mitlub iħallas il-kontijiet tal-latrini pubbliċi. Is-Sindku qal illi l-amministrazzjoni tal-latrina pubblika kienet f'idejn il-Kunsill iżda l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu qed jitħallsu mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti illi kemm il-darba l-Kunsill jaċċetta li jħallas il-kontijiet, din l-ispiża addizzjonali ser titnaqqas minn vot ieħor. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet kemm kienet ser tkun din l-ispiża addizzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li m'għandhiex din l-informazzjoni. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsill m'għandux għalfejn jidħol fi spejjeż żejda. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax jonqos mir-responsabbiltajiet tiegħu. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob rendikont ta' kemm kienet l-ispiża tad-dawl u l-ilma matul is-sena li għaddiet. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li qabel jaċċetta li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma jgħaddu f'idejn il-Kunsill, jitlob rendikont dwar kemm kienet in-nefqa matul is-sena preċedenti.

564.3.10. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul il-ġranet li ġejjin kienet ser issir laqgħa mal-Każini tal-Banda u mal-Grupp tal-Armar tal-Festa flimkien mal-Pulizija sabiex jiġi diskuss l-armar tal-festa u l-barijiet matul il-ġranet tal-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Soċjeta Filarmonica Maria Mater Gratiae kienu nfurmaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa filwaqt li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu għadhom ma bagħatux risposta. Is-Sindku qal illi kienu nfurmaw lilu illi ser jattendu għal-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll illi nhar l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022 kienet ser issir laqgħa ma' dawk kollha li huma nteressati jarmaw barijiet u mwejjed u siġġijiet matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jeżenta l-ħlasijiet għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet matul il-ġranet tal-festa lis-sidien tal-bars, għaqdiet lokali u każini. Dan sabiex il-Kunsill jgħin lill-operaturi lokali minħabba d-diffikultajiet ekonomiċi li affaċċjaw kawża tal-pandemija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kienet ser tistaqsi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk tali deċiżjoni tistax tittieħed. Is-Sindku spjega li s-sidien xorta waħda irid ikollhom il-permess tal-Kunsill sabiex ikunu regolati. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi l-Kunsill m'għandux joħroġ permessi ta' mwejjed u siġġijiet lil min m'għandux liċenzja biex jopera bħala *bar*. Is-Sindku qal illi l-permess għandu jinħareġ biss lil min hu lliċenzjat biex jopera minn postijiet kummerċjali, li jinvolvi l-immaniġġjar ta' prodotti tal-ikel jew xorb. Is-Sindku qal illi fil-laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa, l-applikanti ser jiġu nfurmati li l-pulizija mhux ser tkun qed tapprova permessi għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u jew barijiet lil min m'għandhux liċenzja biex jopera minn postijiet kummerċjali, li jinvolvi l-immaniġġjar ta' prodotti tal-ikel jew xorb. Is-Sur Angelo Scicluna talab li tittieħed azzjoni f'każ li xi ħadd jarma mingħajr il-permess. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jeżenta l-ħlasijiet għal tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet matul il-ġranet tal-festa lis-sidien tal-bars, għaqdiet lokali, każini u lil kull min hu lliċenzjat biex jopera minn postijiet kummerċjali, li jinvolvi l-immaniġġjar ta' prodotti tal-ikel jew xorb.

564.3.11 Is-Sindku semma l-ħtieġa sabiex jitwaħħlu *bus shelters* fi Triq il-Marżebb u fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok.

564.3.12 Fis-1.50 ta' wara nofsinhar, is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri talbet li tkun skużata.

564.3.13 Is-Sindku qal li l-kumpanija *Faces* hija responsabbli mill-manutenzjoni tal-*bus shelters*. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex sakemm jitwaħħlu l-*bus shelters* il-ġodda, il-Kunsill joffri alternattiva temporanja u jwaħħal *bus shelters* maħdumin minn materjal riċiklabbli. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitkompla l-proċess mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex il-kumpanija *Faces* twaħħal il-*bus shelters*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jwaħħal struttura temporanja, maħduma minn materjal riċiklabbli u li l-ispiża ma tkunx aktar minn €200.

564.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-*Mobility Week 2019* u qal li dan il-proġett kien jinkludi proposta biex uħud mit-toroq fil-madwar ta' Skola Primarja A u ta' Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita, jingħalqu għat-traffiku b'*barriers* awtomatiċi kif ukoll bil-*bollards* tal-ħadid. Is-Sindku qal illi minħabba li ma kienx hemm min jissuplixxi *barriers* awtomatiċi, Transport Malta aċċettaw li l-Kunsill jemenda l-proġett. Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill proposta ġdida. Is-Sindku spjega li minflok il-*barriers* awtomatiċi kienu ser jitwaħħlu *light weight bollards*, u l-ispiża ser tinqasam kif ġej; €5,000 sabiex jinxtraw roti, €5000 għal xiri ta' *electric scooters*. Is-Sindku qal illi dawn l-*electric scooters* ser ikunu jistgħu jintużaw mill-għalliema li joqgħodu fil-viċinanzi jew l-akwati ta' Skola Primarja A u ta' Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita tal-iskola. L-iskop huwa sabiex l-għalliema ma jużawx il-vettura tagħhom u jinħoloq aktar spazju ta' parkeġġi, u sabiex ikun hemm inqas emmissjonijiet tal-vetturi. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa min kien ser ikun responsabbli f'każ li jsir inċident tat-traffiku bl-iskuters elettriċi. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jilħaq ftehim ma' kumpanija tal-assigurazzjoni u s-sewwieq tal-iskuters elettriċi ikun responsabbli jħallas il-liċenzji l-assigurazzjoni. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-iskuters elettriċi hux ser ikunu bis-*seat*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-iskuters elettriċi li jkollhom *seat* setgħu jkunu suġġett għal aktar inċidenti. Is-Sindku qal illi f'dan il-proġett kien hemm inkluż installazzjoni artistiċi quddiem l-entraturi tal-iskejjel, kif kien issuġġerit fil-proġett tas-*slow streets,* jinżebgħu *zebra crossings,* disinjati l-bankini, installazzjoni ta' *chess* jew *snakes and ladders* sabiex jintużaw meta l-iskola tkun magħluqa u sabiex joħolqu ambjent attraenti mad-dawra tal-iskola. In-nefqa għall-installazzjoni artistiċi qed tiġi allokata is-somma ta' €5,000 u l-*prints* u żebgħa mad-dawra tal-iskola qed tiġi allokata s-somma ta' €9,000. Barra minnhekk ġie inkluż ħajt murali artistiku mad-dawra tal-iskola u tal-bandli li n-nefqa tiegħu qed tiġi stmata li tkun €3,000. Mad-dawra ta' Skola Primarja A u ta' Skola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita qed tiġi allokata n-nefqa ta' €10,000 sabiex jinxtraw pots kbar bis-siġar u *green wall* b'siġar tal-*bougainvillea* sabiex jixxebilku

mad-dawra taċ-ċint tal-*playing area*. Dan apparti l-*green wall* ukoll ma' wara tal-ħajt ta' Skola Primarja B fi Triq Santa Tereża. Il-Viċi Sindku staqsiet min kien ser jieħu ħsieb it-tisqija ta' dawn is-siġar. Is-Sindku qal illi t-tisqija mad-dawra tal-iskejjel trid issir mill-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill jista' jipprepara sistema ta' irrigazzjoni peress illi x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Tumas Dingli kienu għadhom ma sarux. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk fil-ġbir tal-kwotazzjonijiet setgħax jiġi nkluż ukoll it-tisqija tal-*greenwall*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv peress illi dan il-*grant* ma kienx ikopri il-manutenzjoni tal-proġett. Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li l-Kunsill jieħu ħsieb iż-żbir u t-tisqija tagħhom. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien diġa beda b'xi xogħlijiet relatati ma' dan il-proġett u żied jgħid li qed jiġu allokati €3,000 għal xiri ta' *bike racks*, *light weight bollards* u sinjali tat-traffiku. Is-Sindku żied jgħid li ma kienx ser ikun hemm spejjeż tal-periti u għaldaqstant kien ser ikun hemm żieda fuq l-ispejjeż tal-*marketing* li ser tammonta għal €3,500. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-proġett tal-*Mobility Week 2019*.

**564.4 Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji**

564.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2022. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2022.

**564.5 Abbozz Pjan ta' Ħidma 2022-2026**

564.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2022 - 2026. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**564.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

564.6.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju 2022 u l-14 ta' Ġunju 2022 li kienet tammonta għal €116,150.20.

**564.7 Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali**

564.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti lill-kandidati nteressati għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Intervisti u jingaġġa lill-kandidat numru 1.

**564.8 *Traffic Managment*: Triq Alessio Erardi - Triq Bieb is-Sultan**

564.8.1 Is-Sindku qal illi kopja tal-pjanta proposta kienet ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-*email*. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk kienux fehemu l-pjanti. Is-Sindku qal illi t-triq kienet ser tiġi żewġ karreġġjati, bil-parkeġġ in-naħa tar-residenti. Is-Sindku żied jgħid li ħafna mir-residenti kienu talbu sabiex il-parkeġġ jiġi man-naħa tal-għelieqi. Dan peress illi man-naħa tar-residenti kien hemm ħafna garaxxijiet. Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex iressqu l-opinjonijiet tagħhom sabiex jiġu diskussi. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li r-residenti kienu talbu sabiex il-parkeġġ jiġi man-naħa tagħhom. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk it-triq kinitx wiesgħa biżżejjed sabiex isir parkeġġ faċċata tal-garaxxijiet, man-naħa l-oħra tat-triq. Dan sabiex ma jiġix ostakolat l-aċċess tal-garaxxijiet. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal li t-triq kienet wiesgħa biżżejjed. Is-Sur Buttigieg staqsa x'kienet it-talba tar-residenti li joqgħodu f'din it-triq. Is-Sindku spjega li kien hemm bilanċ bejn ir-residenti; ir-residenti li għandhom il-garaxxijiet f'din it-triq kienu talbu sabiex il-parkeġġ isir man-naħa tagħhom filwaqt li l-kumplament tar-residenti kienu talbu sabiex il-parkeġġ isir man-naħa tal-għelieqi. Is-Sindku żied jgħid li Infrastruttura Malta u Transport Malta kienu qed jipproponu li l-parkeġġ isir man-naħa tar-residenti. Is-Sindku qal illi t-*traffic island* hija maħsuba sabiex il-parkeġġ isir man-naħa tar-residenti u li l-argument tal-Perit ta' Transport Malta kien li parkeġġ man-naħa tar-residenti kien ser joffri aktar sigurtà. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jinforma lil Transport Malta li kien hemm numru ta' residenti li talbu li l-parkeġġ isir man-naħa tagħhom u numru ta' residenti kienu talbu li l-parkeġġ isir man-naħa tal-għelieqi sabiex jiġi utilizzat il-massimu ta' parkeġġ. L-aħħar deċiżjoni għandha tkun ta' Transport Malta wara li l-esperti jikkunsidraw is-sigurtà massima f'din it-triq u jutilizzaw il-massimu possibbli ta' parkeġġi. Is-Sindku spjega li l-Kunsill jista' iressaq it-talbiet tar-residenti lill-entitajiet ikkonċernati, imma m'huwiex espert u tekniku tat-toroq sabiex jiddeċiedi, u li d-deċiżjoni għandha titħalla f'idejn Transport Malta. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta il-possibilitajiet kollha li jistgħu jsiru sabiex imbagħad jiġu diskussi. Is-Sindku qal illi Transport Malta diġa kienet bagħatet il-proposta tagħhom sabiex tiġi diskussa quddiem il-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kien in-numru ta' residenti f'din it-triq. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li wieħed għandu jieħu inkonsiderazzjoni kemm il-vettura għandha kull residenza. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-reġistru elettorali kien hemm madwar 96 elettur f'din it-triq. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li tintbgħat ittra lil kull resident bil-proposta ta' Transport Malta sabiex l-għażla ssir mir-residenti. Is-Sindku qal illi r-residenti kienu talbu li jkollhom il-massimu ta' parkeġġ f'din it-triq. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi l-Kunsill m'għandux għalfejn jibgħat ittri lir-residenti peress illi diġa kien jaf x'inhi t-talba tagħhom. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jinforma lil Transport Malta li kien hemm numru ta' residenti li talbu li l-parkeġġ isir man-naħa tagħhom u numru ta' residenti kienu talbu li l-parkeġġ isir man-naħa tal-għelieqi sabiex jiġi utilizzat il-massimu ta' parkeġġ. L-aħħar deċiżjoni għandha tkun ta' Transport Malta wara li l-esperti jikkunsidraw is-sigurtà massima f'din it-triq u jutilizzaw il-massimu possibli ta' parkeġġi.

**564.9 Permessi għal twaqqif ta' xi posta jew kjost matul iż-żminijiet tal-festa**

564.9.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ il-permessi għal twaqqif ta' xi posta jew kjosk. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ser jiġu milqugħa mis-16 t'Awwissu sad-19 t'Awwissu 2022

**564.10 Servizz ta' *Accountant* u *Accountant Technician* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2022)**

564.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li wara li kienet infurmat lill-offerent li rebħet il-kuntratt ta' lott 1 - Servizz ta' *Accountant* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar kienet irrifjutat il-kuntratt peress li ma kinitx rebħet iż-żewġ lottijiet. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel it-tieni sejħa vantaġġuża li rrikomanda l-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti, li kienet mingħand *Corporate Assurance Limited* għal prezz ta' €13,800.

**564.11 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- **Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022)**

564.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm sitt offerti għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li ħames offerti kienu kienet teknikament tajba. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand il-*Malta Recycle and Waste Collection Limited* għall-prezz ta' €15,000 eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

564.11.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li minn mindu beda l-kuntrattur il-ġdid għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 1/2022), il-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kien qed ikun arroganti mal-iskrivani tal-Kunsill u mar-residenti, ma kienx qed jiġbor il-kwantità mitluba u x-xufiera kienu qed jinbidlu kuljum. Il-kuntrattur ġie mitlub sabiex jaħdem fil-ġurnata tas-Sibt sabiex ilaħħaq mad-domanda. Il-ġbir tal-iskart goff qed jibqa' għaddej anke sa tard bil-lejl. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ *default notice* lil kuntrattur.

**564.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

564.12.1 Il-Viċi Sindku resqet talba li kienet irċiviet mingħand resident li joqgħod fi Triq id-Dejqa sabiex issir *keep clear bay* jew tabella bħalma hemm man-naħa l-oħra tat-triq minħabba li kienu qed jipparkjaw il-karozzi u jagħlqu l-aċċess ta' din it-triq. Is-Sindku qal illi f'din it-triq kien sar inċident u kienet għaddeja kawża l-Qorti Ċivili. Is-Sindku spjega li fuq parir tal-pulizija, sakemm tinqata' id-deċiżjoni tal-Qorti m'għandhomx isiru sinjali f'din it-triq. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja mal-pulizija jekk dan il-każ kien ingħalaqx.

564.12.2 Il-Viċi Sindku resqet ilment li kienet irċeviet minn resident li kien talab sabiex titneħħa d-*drop kerb* li għandu quddiem il-garaxx minħabba problema ta' ilma tax-xita li qed tikkawża ħsara fil-proprjetà tiegħu. Is-Sindku qal illi dan l-ilment kien qed jiġi ndirizzat.

564.12.3 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar inkonvenjent li nħoloq għar-residenti wara li r-rotta 91 ma kinitx qed tidħol ġo Ħaż-Żabbar minħabba xogħol infrastrutturali li kien qed isir fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għaddej b'diversi diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar ir-rotta 91. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta kienu qed jiddiskutu l-possibilità li jiġi provdut servizz ta' *shuttle*. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li tinstab soluzzjoni speċjalment minħabba l-anzjani li jagħmlu użu mill-karozza tal-linja. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu tneħħew il-*bus stops* minn Triq Wied il-Għajn sabiex isir kostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ u għaldaqstant il-karozzi tal-linja ma kellhomx fejn jieqfu.

564.12.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f'għalqa fi Triq tal-Labour kien hemm mibnija żewġ pilastri li kienu qed jaqgħu, is-Sur Buttigieg semma l-possibilità li dawn il-pilastri kienu qed jagħtu sapport lit-triq u li setgħu jkunu ta' periklu f'każ li jiġġarfu. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Buttigieg jibgħatlu r-ritratti ta' dawn il-pilastri.

564.12.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *refresh* taż-*zebra crossing* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru.

564.12.6 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir *stop* jew *give way* kif toħroġ minn Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku semma d-diskussjoni li kienet saret ftit tal-ħin qabel matul il-laqgħa dwar il-marki tal-karreġġjata li ser isiru fi Triq Bieb is-Sultan.

564.12.7 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir mera fi Triq il-Newl kantuniera ma' Triq Ħadd in-Nies.

564.12.8 Is-Sur Angelo Scicluna ressaq talba li kien irċieva mingħand resident li joqgħod fi Triq Salvu Pulis sabiex isiru *culverts* tal-ilma f'din it-triq. Is-Sindku qal li inutli jsir *culvert* jekk ma jkunx hemm fejn jiskula l-ilma. Is-Sur Scicluna talab li tinstab soluzzzjoni u jsir il-*culvert*.

564.12.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm nuqqas ta' *quorum*.

564.12.10 Peress li ma kienx hemm *quorum* fit-3.10 ta' wara nofsinhar, is-Sindku ddiferixxa l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-565 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju, 2022.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku